**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**
**(Spettur Malcolm Bondin)**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Denis Borg**

Numru: 721/2007

Illum 26 ta' Marzu 2019

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Denis Borg,** ta' disgha u ghoxrin (29) sena, iben Carmelo u Maria neé Buhagiar, imwieled il-Pietà fit-23 ta' Awwissu 1978, residenti Blokk B3, Triq Porzjunkula, Qawra u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 454078(M)

akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-24 ta' Awwissu 2007 u l-granet ta' qabel din id-data:

1. kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101

tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu taghha skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu eskluzziv tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tordna s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta' mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lil Denis Borg jew ikunu proprjeta' tieghu u sabiex tipprojbixxi l-istess imputat Denis Borg milli jittrasferixxi, jaghti b'rahan jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tappunta espert biex jaghmel inventarju tal-proprjeta' kollha mobbli jew immobbli li huma konnessi ma' l-imsemmi Denis Borg.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex, f'kaz ta' htija, tordna lill-imputat sabiex ihallas lir-Registratur ta' l-ispejjez kollha jew parti minnhom li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk ta' l-esperti li jkunu gew mahtura fl-stadju tal-Process Verbal ta' l-inkjesta, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni *ai termini* tal-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 16) datat 25 ta' Awwissu 2007 *ai termini* ta' Artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) li permezz taghha

ordna li l-imputat sabiex jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat il-Process Verbal bin-Numru 986/07 redatt mill-Magistrat Dr. Anthony G. Vella rigward sejba ta' sustanza bajda suspetta kokajina fil-pussess ta' Denis Borg nhar l-24 ta' Awwissu 2007 (*a fol.* 91 *et seq.*).

Rat il-Kontro-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 115) datata 28 ta' Jannar 2008 *ai termini* ta' Artikolu 31 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) li permezz taghha ordna li l-imputat biex jigi processat quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provediment tal-istess Ordinanza

Rat illi, fis-seduta tas-7 ta' Frar 2008 (*a fol.* 116), il-Qorti diversament preseduta gibdet l-attenzjoni tad-difiza ghall-Kontro-Ordni tal-Avukat Generali.

Rat illi, fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2010 (*a fol.* 218), id-difiza rregistrat ammissjoni ghal pussess semplici u talbet li jsir *Social Inquiry Report* fil-konfront tal-imputat.

Rat is-*Social Inquiry Report* (Dok. "OB" – *a fol.* 225 *et seq.*) redatt mill-Ufficjal tal-*Probation* Odelsie Bayliss.

Rat illi, fis-seduta tal-15 ta' April 2015 (*a fol.* 297), id-difiza talbet lil din il-Qorti kif diversament preseduta sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga *ai termini* tal-Artikolu 8 tal-Att Numru 1 tas-sena 2015.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mill-Prim'Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (*a fol.* 300 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 304), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-

Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat illi, fil-25 ta' Ottubru 2016, din il-Qorti tat Digriet fejn laqghet it-talba tad-difiza sabiex din il-Qorti tigi kkonvertita f'Qorti dwar id-Droga (*a fol.* 314 *et seq.*).

Rat in-Nota tal-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga (*a fol.* 353) fejn il-Qorti giet infurmata li l-Bord kien sodisfatt bil-process ta' riabilitazzjoni tal-imputat li ntemm b'success.

Semghet, fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2018 (*a fol.* 366), lid-difiza tiddikjara li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-kaz u b'hekk ghalqet il-provi taghha b'mod definittiv.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fis-17 ta' Dicembru 2018 (*a fol.* 367 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tad-19 ta' Frar 2019 (*a fol.* 376 *et seq.*), lill-imputat jerga' jikkonferma l-ammissjoni ta' htija tieghu ghall-pussess semplici kif verbalizzat fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2010 (*a fol.* 218).

Semghet, fis-seduta tad-19 ta' Frar 2019, is-sottomissjonijiet finali bil-fomm da parte tad-difiza (*a fol.* 378 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Settembru 2007, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Norbert Ciappara** (*a fol.* 29 *et seq.*) dwar meta l-imputat gie mwaqqaf fl-24 ta' Awwissu 2007 fil-vettura tieghu tal-ghamla Golf, fejn fil-vettura kien hemm *pouch* b'ammont ta' flus u sustanza suspettata kokajina. Jispjega li l-imputat kien ha mal-ewwel ir-responsabilita' ta' din is-sustanza. Jixhed ukoll li ma' l-imputat kien hemm Wayne Borg u li l-imputat qal li Borg ma kellu x'jaqsam xejn

ma' dik is-sustanza li kien hemm fil-*pouch* mal-flus. Jghid li waqt li kienet qed issir tfittxija fir-residenza tal-imputat, liema residenza tinsab f'Blokk B3, Triq Porzjunkula, Qawra, l-imputat stess ghadda ammont iehor ta' sustanza bajda suspettata kokajina. Jghid li hu informa lill-Magistrat Inkwirenti Dr. Anthony Vella fejn ordna li tinfetah Inkjesta Magisterjali fejn gew appuntati diversi esperti. Jghid li fl-24 ta' Awwissu 2007 l-imputat irrilaxxa stqarrija (Dok. "NC 2" – *a fol.* 14 *et seq.*). Ezebixxa estratt mill-att tat-twelid tal-imputat li gie mmarkat bhala Dok. "NC" (*a fol.* 32).

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Norbert Ciappara** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-7 ta' Frar 2008 (*a fol.* 117 *et seq.*) fejn ezebixxa bhala Dok. "NC" zewg *notebooks* zghar li kienu gew elevati mill-kcina tar-residenza tal-imputat minn PC 1319, PC 213 u WPC 127. Ezebixxa wkoll bhala Dok. "NC 1" is-somma ta' Lm2580 li kienu gew elevati minn go *wallet* li kellu l-imputat li go fih kien hemm ukoll sustanza bajda li wara jghid irrizulta li kienet kokajina. Ezebixxa wkoll bhala Dok. "NC 2" (*a fol.* 119) kopja ta' rcevuta relattiva ghas-somma msemmija li nharget lill-imputat fl-24 ta' Awwissu 2007.

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Norbert Ciappara** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2008 (*a fol.* 140) fejn ezebixxa formalment bhala Dok. "NCX" vettura Golf bin-numru ta' registrazzjoni DEN 175.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2012 (*a fol.* 261 *et seq.*), jghid li dak iz-zmien l-imputat kien jiggestixxi *grocery store* flimkien ma' martu. Ikkonferma li mill-kcina tar-residenza tal-imputat gie elevat *notebook* li *prima facie* deher li huwa relatat max-xoghol tal-*confectionary*. Jghid li fil-morti ta' dawn il-proceduri ma kienx hemm investigazzjonijiet ohra diretti fil-konfront tal-imputat. Jghid li meta l-imputat gie nvestigat, l-imputat qallu li kellu l-*habit* tal-kokajina. Fir-rigward tal-fatt li d-difiza allegat li l-imputat xtara mija u tletin (130) gramma u mhux mitejn (200) gramma, jghid: *"ahna noqghodu attenti hafna meta nkun qeghdin naghmlu s-Scene of Crime specjalment niznu d-droga, l-ewwel nies ghandek uzin li jimmarka differenti issa mbaghad specjalment meta nkun qieghed, jigifieri jista' jaghti l-fatt illi min bieghlu bieghlu zzejjed jew kellu mizien hazin u kkalkula fuq ghajnejh. Dan ix-xoghol mhux xjenza ezatt, jigifieri traffikar*

*isir tip ta' malajr, ejja ha mmorru, jista' jkun hemm diversi fatturi, pero' dik hija l-ammont li ahna sibna mitejn (200) gramma. Issa hu qed jallega skont dejjem x'gie kkomunikat lili [...] illi hu qed jallega li xtara mija u tletin (130) u mhux mitejn (200)"* (*a fol.* 263).

In <u>kontro-ezami</u>, li tkompla fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2014 (*a fol.* 287 *et seq.*), qal li fis-sena 2007 ma kinitx saret investigazzjoni fil-*call profile*. Jghid li wara li l-imputat irrilaxxa l-istqarrija tieghu, l-imputat kien indikalhom persuna, hadhom fuq il-post u wriehom bieb pero' ma riedx jixhed. Jghid li minn investigazzjonijiet ohra ulterjuri li ghamel ma' rrizultawlux rizultanzi li setgha jiehu azzjoni vis-à-vis din il-persuna.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Settembru 2007, xehed ukoll **PC 213 Nicolai Borg** (*a fol.* 33 *et seq.*) fejn ikkonferma li waqt tfittxija li kienet qed issir fl-24 ta' Awwissu 2007 fil-vettura tal-imputat fl-Imriehel, instabet borza tal-plastik bi trab abjad go fiha li kienet uzata u kien hemm naqra trab fuqha. Jghid li l-imputat qallu li fil-vettura kellu *pouch* u go fih kien hemm l-ammont ta' Lm2580 u kien hemm borza tal-plastik trasparenti b'ammont ta' boroz tal-plastik zghar bi trab abjad kif ukoll borza tal-plastik trasparenti ohra li kien fiha ammont ta' trab abjad suspettata kokajina. Jghid li baqghu sejrin fir-residenza tal-imputat li tinsab fi Flat 8, Blokk B3, Triq il-Porzjunkula, Qawra fejn hemmhekk l-imputat qallu li go kexxun kellu madwar mitt (100) gramma kokajina. Jghid li gie muri dan il-kexxun mill-imputat minn liema kexxun sabu pakkett boroz tal-plastik trasparenti godda, mizien elettroniku tal-marka Tanita li kien go *pouch* iswed, mizien elettroniku iehor tal-marka Tanita li kien imkebbeb go bicca tal-*jeans* blu, zewg kuccarini, mgharfa, zewg skieken, sega, imqass, pinzell, *credit card* maqsuma li kien hemm minnhom kienu mcappsin b'xi trab abjad u hames boroz naqra mdaqqsin li go fihom kien hemm trab abjad. Jghid li saret ukoll tfittxija fir-residenza kollha fejn instabu zewg *notebooks* fejn kien hemm hafna ismijiet b'xi numri fihom. Jghid li dawn gew ukoll elevati u gew mghoddija lill-iSpettur.

In <u>kontro-ezami</u> mitlub jikkonferma li l-imputat kien l-Imriehel ghax kien mar go hanut jizviluppa xi ritratti, wiegeb fl-affermattiv. Jghid li fis-*seat* ta' quddiem tal-vettura go basket tal-karti sab borza

trasparenti li kien jidher li kien hemm fiha xi trab abjad. Ikkonferma li kien f'dan il-mument li l-imputat irriferrieh ghall-*pouch* tieghu u li l-imputat ghamel dan b'mod volontarju u spontanju. Ikkonferma wkoll li meta marru d-dar tal-imputat, kien l-imputat stess li qalilhom li d-dar kellu l-kokajina. Jghid li l-imputat qallu li kellu ghaxar grammi fil-vettura u li kellu l-*birthday* u li kien ser juzahom fil-*party* li kien ser ikollu. Jghid li ra li kien hemm kuccarina mcappsa. Ikkonferma li l-imputat qallu li kellu xi proprjetajiet ohra pero' ma kellu xejn hemm. Ikkonferma li meta ghamlu tfittxija f'dawn il-proprjetajiet, baqghu ma sabu xejn. Ikkonferma wkoll li meta saret tfittxija fid-dar kollha, ma nstabet l-ebda droga ghajr ghal dik li l-imputat qal li kellu. Jghid li fil-*cupboard* kien hemm numru ta' *invoices*. Ezebixxa l-*prime note* tieghu li gew immarkati bhala Dok. "NB" (*a fol.* 42 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas- 7 ta' Novembru 2007, xehed **Ix-Xjenzat Godwin Sammut** (*a fol.* 69 *et seq.*) fejn ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "GS" (*a fol.* 71), f'liema rapport wasal ghal diversi konkluzjonijiet li ser isiru riferenza ghalihom aktar il-quddiem.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2007, xehed ukoll **PC 186 Kristian Mintoff** (*a fol.* 72 *et seq.*) fejn ezebixxa r-rapport redatt minnu, li jinkludi erbgha u ghoxrin (24) ritratt bil-kulur, liema rapport gie mmarkat bhala Dok. "CM" (*a fol.* 74 *et seq.*).

**PC 186 Kristian Mintoff** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-7 ta' Frar 2008 (*a fol.* 120 *et seq.*) fejn spjega li huwa mar biex jigbed ritratti f'appartament gewwa l-Qawra. Meta ra r-ritratti li jiffurmaw parti mir-rapport tieghu jghid li jista' jaghti l-kaz li kien hemm xi ritratti li bi zvista zdiedu minn kaz iehor. Mitlub jidentifikahom, jghid li ma kienx b'pozizzjoni li jaghmel hekk.

**PC 186 Kristian Mintoff** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2008 (*a fol.* 131 *et seq.* u *a fol.* 136 *et seq.*) fejn jghid li huwa kien l-uniku wiehed li ha r-ritratti u fejn specifika liema kienu r-ritratti li jirrigwardaw il-kawza odjerna u liema huma dawk li m'ghandhomx x'jaqsmu. Jghid li minn erbgha u ghoxrin (24) ritratt

li kien ipprezenta, sitta minnhom ma humiex tal-kaz. Dawn ezebiehom u jinsabu *a fol.* 138.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2007, xehed ukoll **PC 1319 Matthew Xuereb** (*a fol.* 80 *et seq.*) fejn qal li fl-24 ta' Awwissu 2007 gie mwaqqaf l-imputat fil-hin li kien l-Imriehel. Jghid li minn tfittxija li saret fuqu, gie elevat *mobile phone* Nokia u li minn tfittxija li saret fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBN 175 instab pakkett tal-Vodafone tal-karti u fih kien hemm bicca kantuniera tal-plastik trasparenti b'xi tracci ta' trab abjad. Jghid li gew elevati mazz ta' sitt (6) cwievet u li x'hin kienu ser ikomplu bit-tfittxija, l-imputat ghajjat lil PC 213 u kellmu wahdu fejn PC 213 mar direttament ghal *pouch* iswed griz li kien fil-parti ta' wara li fih kien hemm ammont ta' flus, borza trasparenti b'xi trab abjad suspettat kokajina u borza ohra b'ammont ta' boroz go fiha bi trab abjad. Jghid li magenb il-*pouch* mal-art kien hemm pakkett boroz godda tal-plastik. Jispjega li minn hemmhekk marru fir-residenza tal-imputat fi Flat 8, Blokk B3, Triq il-Porzjunkula, Qawra fejn, x'hin fethu, l-imputat mal-ewwel indikalhom kexxun fis-salott fejn fih sabu, fost l-ohrajn, hames boroz b'ammont konsiderevoli ta' trab abjad u pakkett boroz tal-plastik godda. Jghid li kien hemm ukoll zewg kuccarini, mgharfa, zewg skieken, *credit card* maqsuma fi tnejn, pinzell u mqass. Jghid li komplew t-tfittxija fil-kcina fejn sabu zewg *notebooks* li fihom kien hemm xi ismijiet miktubin b'xi numri magenbhom.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2007, xehdet ukoll **WPC 127 Carmen Gauci** (*a fol.* 83 *et seq.*) fejn qalet li fl-24 ta' Awwissu 2007 ghall-habta tad-9.30am gie mwaqqaf l-imputat fl-Imriehel. Tispjega li saret tfittxija fuq l-imputat fejn gie elevat *mobile* tal-marka Nokia u li wara saret tfittxija fil-vettura tal-imputat, liema vettura hija Golf ta' kulur abjad bin-numru ta' registrazzjoni DBN 175. Tixhed li fil-vettura nstabet kantuniera ta' borza tal-plastik bi tracci ta' trab abjad li kienet fuq quddiem u li kienet go basket tal-karti tal-Vodafone. Tghid li l-imputat tkellem wahdu ma' PC 213 u li meta gew lura, PC 213 mar fuq in-naha ta' wara tal-vettura u minn hemmhekk gabar *pouch* iswed bil-griz li fih kien hemm ammont ta' flus. Tghid li dawn gew elevati u li kien hemm hemm ammont ta' flus, wahda minnhom kien fiha boroz zghar bi trab abjad u l-ohra

kienet kollha b'ammont ta' trab abjad u kien hemm pakkett tal-plastik boroz godda. Tispjega li minn hemmhekk marru fir-residenza tal-imputat fil-Qawra u hekk kif dahlu fir-residenza, l-mputat mill-ewwel indikalhom kexxun fis-salott li fih kien hemm pakkett boroz godda tal-plastik. Tghid li kien hemm hames boroz naqra kbar b'ammont ta' trab abjad u li kien hemm mizien elettroniku go *pouch* iswed u mizien iehor imgezwer go bicca drapp tal-*jeans* blu. Tghid li kien hemm ukoll zewg kuccarini, mgharfa, zewg skieken, sega, imqass, *credit card* maqsuma fi tnejn, u pinzell. Tixhed li mill-kcina gew elevati zewg *notebooks* zghar li kienu kollha ismijiet ta' nies bin-numri hdejhom.

In kontro-ezami tghid li n-*notebooks* kienu qeghdin go *cupboard* tal-kcina. Tghid li kien hemm aktar dokumenti pero' ma tiftakarx jekk kienux ezatt man-*notebooks*. Tghid li kien hemm hafna affarijiet ohra, fosthom karti u *invoices*.

**WPC 127 Carmen Gauci** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2008 (*a fol.* 184 *et seq.*) fejn giet murija Dok. "CMB" (*a fol.* 139) u fejn qalet x'kienet qed tara f'numru ta' ritratti. Tghid li l-affarijiet li kien hemm fil-kexxun gew indikati mill-imputat.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Frar 2008, xehed **Christopher Darmanin** (in rapprezentanza tad-Direttorat tal-Licenzji u Testijiet – *a fol.* 125 *et seq.*) fejn qal li vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBN 175 hija vettura tal-ghamla Volkwagen Golf ta' kulur abjad. Jghid li mit-2 ta' Awwissu 2006 sa dakinhar li xehed is-sid tal-vettura kien Carmel maghruf bhala Charles Borg, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 640651(M)), residenti 70, Triq Birbal, Balzan. Ezebixxa dokumentazzjoni li xehed fuqha li giet immarkata bhala Dok. "CD" (*a fol.* 127 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2008, xehed **Martin Bajada** (*a fol.* 149 *et seq.*) fejn spjega li kien gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti sabiex johrog il-kontenut ta' zewg *mobile phones*. Ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "MB" (*a fol.* 151 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2008, xehed ukoll **Wayne Borg** (*a fol.* 181 *et seq.*) fejn kkonferma li hu kien riekeb fil-vettura flimkien mal-imputat meta l-Pulizija waqqfu lill-imputat. Jghid li l-imputat kien ser iwasslu l-Gharghur. Mistoqsi jghid jekk jafx x'instab fil-vettura, wiegeb fin-negattiv. Ma jiftakarx x'kien qallu l-Ufficjal Prosekutur li kien instab. Jichad li huwa kellu x'jaqsam mas-sustanza kokajina li nstabet fil-vettura.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Gunju 2011, xehdet l-**Ufficjal tal-*Probation* Odelsie Bayliss** (*a fol.* 223 *et seq.*) fejn ezebiet is-*Social Inquiry Report* redatt minnha li gie mmarkat bhala Dok. "OB" (*a fol.* 225 *et seq.*). Ziedet tghid li ilha ssegwi lill-imputat minn Dicembru 2010 u li hu dejjem ikkoopera maghha bhala Ufficjal tal-*Probation* u dejjem zamm l-appuntamenti maghha. Tispjega li minhabba li fil-passat l-imputat kellu problema ta' droga, ittiehdulu zewg testijiet tal-urina, liema testijiet irrizultaw fin-negattiv. Tghid li minkejja li l-imputat sostna li huwa *clean*, inhass il-bzonn li jigi riferut ghand il-Caritas biex isir aktar assertiv fejn tidhol id-droga kokajina u mill-*feedback* li hadet minn ghand Jesmond Borg (il-*key worker* tieghu) jidher li l-andament tal-imputat huwa wiehed pozittiv. Fir-rapport taghha, jinghad, fost l-ohrajn, is-segwenti:

> "[…] L-imputat jghid ukoll li hu beda jaghmel uzu mid-droga fuq ghazla tieghu stess u li ma sfurzah hadd biex jaghmel dan il-pass. Ghall-bidu jghid li ma kienx jaghmel uzu b'mod regolari, pero' maz-zmien il-vizzju beda aktar jikber u ghalhekk l-uzu tieghu tal-kokajina beda jsir aktar spiss. Ta' 26 sena Denis beda jattendi certi *parties* u minn hemm beda jesperimenta bil-pilloli *ecstasy*. […] Minkejja li l-imputat dejjem kellu xoghol stabbli, wara li beda jaghmel uzu mid-droga l-istil ta' hajja tieghu nbidel ghaliex kif jghid hu stess beda jzid fil-hrug tieghu u kien jaghmel hafna hin barra mid-dar. […]
>
> Borg jispjega kif huwa waqaf milli jaghmel uzu mid-droga fis-sena 2007, minhabba li f'dak il-perjodu hu u martu kienu qeghdin jippruvaw ikollhom tarbija kif ukoll minhabba li fl-istess sena l-ikkoncernat inqabad mill-Pulizija rigward il-kaz li fuqu qieghed jitratta dan ir-rapport. Borg isostni li

> dan il-pass ma kienx wiehed facli, peró jghid illi minkejja dan huwa rnexxielu jikkontrolla l-uzu tieghu tad-droga. Fis-16 ta' Jannar u fis-6 ta' Gunju 2011, Denis issottometta ruhu ghal testijiet tal-urina ghal sustanzi illeciti gewwa l-Ufficju tal-*Probation*, liema testijiet irrizultaw fin-negattiv ghall-kannabis, morfina u kokajina.
>
> […]
>
> Rigward il-problema tad-droga l-ikkoncernat jghid li ghalkemm illum il-gurnata waqaf mill-uzu tad-droga, ma jhossx li huwa assertiv bizzejjed. Fil-fatt Borg jghid illi huwa qieghed jevita l-hrug mhux biss minhabba l-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti, però wkoll ghaliex jaf illi jekk johrog facilment jerga' jaqa' fil-vizzju tal-kokajina….." (*a fol.* 233 u *a fol.* 233 *tergo*).

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2014, xehed il-Konsulent Psikjatra **Dr. Joseph Spiteri** (*a fol.* 274 *et seq.*), li pprezenta dokument li gie mmarkat bhala Dok. "JS" (*a fol.* 282), fejn qal li l-imputat kien ilu taht il-kura tieghu ghal kwazi hames snin u li kien qed jigi kkurat ghal problemi ta' dipressjoni kif ukoll minhabba uzu ta' kokajina. Iddeskriva l-hajja tal-imputat bhala dekorattiva fejn li qal li l-imputat sab li naqra alkohol u naqra kokajina jnessuh mill-problemi kollha li jkollu madwaru u minhabba f'hekk beda jiehu minnhom. Jghid li l-imputat kien jiehu l-kokajina jew billi jissnifjaha jew billi jpejjipha. Jghid li l-imputat ma kienx *"a hard drug addict"* (*a fol.* 275) pero' jispecifika li bhala konsum kien jiehu d-droga biex jiskarta l-problemi tieghu. Jghid li, meta beda jara lill-imputat, il-livell ta' konsum ta' droga kien diga' naqas sostanzjalment ghax l-imputat kien kellu t-tfal. Mistoqsi jghid x'inhi l-pozizzjoni attwali (ghas-2014) tal-imputat, wiegeb: *"Illum ghandu hanut, he is a bread winner, qed jissaportja l-familja u ghandu jkun anke jissaportja lil close relatives tieghu milli nista' nifhem, jigifieri jhaddem lil close relatives tieghu"* (*a fol.* 278).

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2014, xehdet ukoll **Jeanne Calí** (in rapprezentanza tal-Caritas – *a fol.* 279 *et seq.*) fejn qalet li l-ewwel darba li l-imputat mar il-Caritas kien fis-16 ta' Dicembru 2010.

Tghid li beda jaghmel *urine samples* u tghid li kien dipendenti fuq il-kokajina. Tiddesrivih bhala *"a heavy user"* (*a fol.* 280).

**Jeanne Calí** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2016 (*a fol.* 306 *et seq.*) fejn spjegat li Jesmond Borg ma kienx ghadu jahdem l-*Outreach* u li Jesmond Borg kien il-persuna li kien jaghmel sessjonijiet individwali mal-imputat. Tghid li mir-*records* tal-Caritas jirrizulta li l-imputat kien ghaddej minn dipressjoni qawwija ghal raguni li ma setghax ikollhom tfal li tghid tatu gewwa hafna. Tghid li f'dan iz-zmien l-imputat beda juza l-kokajina sabiex jipprova jinsa'. Tixhed li fl-ahhar erba' (4) snin l-imputat kien *clean* peress li huwa baqa' jmur regolari ghal *urine samples*.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2016, id-difiza ezebiet bhala Dok. "JG 1" (*a fol.* 310) certifikat datat 26 ta' Gunju 2015 li nghata lill-imputat mill-Caritas talli spicca b'success dak li jissejjah *"New Hope Rehabilitation Programme"*.

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2018, xehdet **Joanne Buhagiar Fiott** (*a fol.* 359 *et seq.*) fejn ikkonfermat in-Nota tal-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga f'liema Nota l-Bord informa lill-Qorti li l-Bord kien sodisfatt bil-process ta' riabilitazzjoni tal-imputat li ntemm b'success (*a fol.* 353). Tghid li l-Bord imsemmi ddecieda li jaghlaq il-kaz b'success minhabba, fost l-ohrajn, li l-imputat dejjem ikkoopera mal-Bord, minhabba attendenza regolari, u minhabba li l-*urines* dejjem kienu *clean*. Ezebiet dokument li gie mmarkat bhala Dok. "JBF 1" (*a fol.* 361).

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2018, xehdet **Maria Ruth Ciantar** (in rapprezentanza tar-Registratur Qrati u Tribunali Kriminali – *a fol.* 363) fejn infurmat lill-Qorti li l-unika kawza li l-imputat kellu pendenti kienet dik odjerna. Ezebiet dokument li gie mmarkat bhala Dok. "MC 1" (*a fol.* 365).

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-

imputat hija vera u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li fl-24 ta' Awwissu 2007 l-imputat kien fil-vettura flimkien ma' Wayne Borg u li meta din il-vettura giet mwaqqfa mill-Pulizija go fiha nstab *pouch* b'ammont ta' flus u sustanza suspettata kokajina. Jirrizulta li Wayne Borg ma kellu xejn x'jaqsam ma' dak li nstab fil-vettura. Jirrizulta wkoll li minn tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat, l-imputat stess ghadda ammont iehor ta' sustanza bajda suspettata kokajina.

Illi eventwalment gew intavolati l-proceduri odjerni fil-konfront tal-imputat u l-imputat gie akkuzat b'pussess aggravat tad-droga kokajina. Da parte taghha, id-difiza, fis-sottomissjonijiet finali taghha, taghmel diversi sottomissjonijiet ghala skond hi l-imputat m'ghandux jigi misjub hati ta' pussess aggravat pero' ssostni li l-imputat ghandu jigi misjub hati biss ta' pussess semplici. Di fatti jirrizulta mill-atti processwali li fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2010 (*a fol.* 218) giet registrata ammissjoni ghal pussess semplici, liema ammissjoni giet konfermata fis-seduta tad-19 ta' Frar 2019 (*a fol.* 376 *et seq.*).

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjoni *per se* addebitata fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tinnota li ser tigi skartata l-istqarrija (Dok. "NC 2 – *a fol.* 14) rilaxxata mill-imputat fil-25 ta' Awwissu 2007 u dana *stante* li din l-istqarrija ttiehdet fi zmien meta l-ligi Maltija ma kinitx tippermetti li persuna arrestata tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni taghha mill-Pulizija u dana in vista tal-gurisprudenza kopjuza ricenti, b'mod partikolari dik moghtija mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fit-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **Mario Borg vs. Malta** u, fost l-ohrajn, dik moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2016 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Camilleri**.

Kif nghad hawn fuq, il-Qorti ser tiskarta l-istqarrija rilaxxata mill-imputat *stante* li ma tistax tigi meqjusa bhala prova ammissibbli. Naturalment, dan japplika wkoll ghal kull stqarrija li jkun ghamel l-imputat minghajr ma jkun gie moghti dan id-dritt, inkluz ghalhekk kull stqarrija verbali li jkun ghamel lill-Ufficjal Investigatur, fl-

istadju tal-investigazzjoni u mhux biss l-istqarrija li titnizzel bil-miktub ghaliex l-istess ragunament japplika ghal tali stqarrija wkoll. Ghalhekk, il-Qorti ser tiskarta wkoll bhala inammissibli x-xiehda tal-Ufficjal Prosekutur in kwantu din tirreferi ghal dak li stqarr l-imputat waqt l-investigazzjoni.

Illi l-Qorti ser issa tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat.

**<u>Pussess Aggravat ta' Kokajina</u>**:
Illi l-imputat jinsab akkuzat b'pussess aggravat ta' kokajina. Diga nghad aktar il-fuq li l-imputat jikkontesta l-imputazzjoni li l-kokajina ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu. Huwa jammetti pussess semplici tal-imsemmija kokajina. Ghaldaqstant, il-Qorti trid tara jekk l-imputazzjoni kif addebitata fil-konfront tal-imputat gietx sodisfacentement pruvata.

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Marius Magri** deciza fit-12 ta' Mejju 2005, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kinitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-Prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, *ossia* cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. **Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio** [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga jkun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri** [2.9.1999].)

> Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-Gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-Gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi *hard and fast rule* x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assiem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-Gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-Gudikant tkunx perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli. (App. Krim. **Il-Pulizija vs. Brian Caruana** [23.5.2002])".

Illi fis-sentenza taghha tat-18 ta' Awwissu 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Abela**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet hekk:

> "Li stabbilit li kull kaz irid ikun studjat ghalih, kif ukoll li ndizju wiehed hu bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-pussess ikun wiehed aggravat, il-Qorti pero` trid tkun sodisfatta mill-provi migjuba li dawn iwasslu ghal din il-konkluzjoni. Meta l-ammont ma jkunx wiehed li normalment jassocja ma' uzu esklussiv da parti tal-possessur, ikun jispetta lill-imputat, imqar fuq bazi ta' probabbilta`, li jipprova li dak kien ghall-uzu esklussiv tieghu w dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101".

Illi, b'zieda mal-gurisprudenza li ssir riferenza ghaliha hawn fuq, il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghad-decizjoni moghtija fit-2 ta' Settembru 1999 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jason Mallia**, fejn il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

> "Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni [l-*animus* li jispacca d-droga] allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni <u>mhix mehtiega</u> ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati

cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali *"li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati"*. Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioé li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga *ossia* jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha".

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Mifsud**, deciza fis-27 ta' Ottubru 2010, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

"Dwar il-pussess aggravat tajjeb hawn li ssir referenza ghal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mohammed Ben Hassen Trabelsi** tas-17 ta' Frar 1997 dwar kif il-kwistjoni ta' jekk ammont ta' droga jkunx ghall-uzu esklussiv ta' l-imputat *o meno* ghandha tigi ezaminata: *"l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` l-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-Prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu eskluzziv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu eskluzziv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101""*.

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

- PC 213 Nicolai Borg xehed kif waqt li fl-24 ta' Awwissu 2007 kienet qed issir tfittxija fil-vettura tal-imputat fl-Imriehel, instabet borza tal-plastik bi trab abjad go fiha u naqra trab fuqha. Jghid ukoll li minn hemm baqghu sejrin fir-residenza tal-imputat fil-

Qawra fejn, fuq informazzjoni moghtija lilu mill-imputat, f'kexxun instab pakkett boroz tal-plastik trasparenti godda, zewg mwiezen elettronici tal-marka Tanita, zewg kuccarini, mgharfa, zewg skieken, sega, imqass, pinzell, *credit card* maqsuma li kien hemm minnhom kienu mcappsin b'xi trab abjad u hames boroz naqra mdaqqsin li go fihom kien hemm trab abjad.

- PC 1319 Matthew Xuereb xehed li meta l-imputat gie mwaqqaf fl-24 ta' Awwissu 2007 u saret tfittxija fuq il-vettura li kien fiha kien hemm bicca kantuniera tal-plastik trasparenti b'xi tracci ta' trab abjad u li wara li l-imputat ghajjat lil PC 213 u kellmu wahdu, PC 213 sab li kien hemm *pouch* b'ammont ta' flus, borza trasparenti b'xi trab abjad suspettat kokajina u borza ohra b'ammont ta' boroz go fiha bi trab abjad. Xehed ukoll li meta marru fir-residenza tal-imputat, l-imputat indikalhom kexxun fis-salott fejn jghid x'sabu.

- Fuq l-istess linji xehdet ukoll WPC 127 Carmen Gauci.

Illi, fir-rapport tieghu (Dok. "GS" – *a fol.* 71), ix-Xjenzat Godwin Sammut wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

> "(a) Illi fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokumenti 565_07_01 u 565_07_04 instabet is-sustanza <u>Kokaina</u>. Il-piz tat-trab kien ta' <u>200.26 grammi</u> u l-purità kienet ta' cirka <u>25%</u>. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> (b) Illi fuq *swabs* mehuda mill-pinzell, mis-skieken, sega, mgharfa, mill-BOV *card* u z-zewg kuccarini li hemm fid-dokument 565_07_02 u fuq *swabs* mehuda minn fuq iz-zewg mwiezen li hemm fid-dokument 565_07_05 instabet is-sustanza <u>Kokaina</u>. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta".

Illi l-Qorti tikkondividi mad-difiza meta fis-sottomissjonijiet finali taghha (*a fol.* 378 *et seq.*) tissottometti li mir-rapport redatt minn Martin Bajada (Dok. "MB" – *a fol.* 151 *et seq.*) m'hemm xejn li jista'

b'xi mod jigi relatat ma' spacc ta' droga u taqbel ukoll li n-*notebooks* elevati jidher li huma relatati max-xoghol ta' *grocery store* gestit mill-imputat u martu. Minkejja dan, minkejja li PC 186 Kristian Mintoff eventwalment xehed li uhud mir-ritratti li jiffurmaw parti mir-rapport tieghu (Dok. "CM" – *a fol.* 74) ma kellhomx x'jaqsmu xejn mal-kaz odjern (u huwa ndika liema huma dawn ir-ritratti), u minkejja li d-difiza ssostni li hemm kontestazzjoni dwar l-ammont ta' droga li nstabet, ma jistax jigi injorat **bl-ebda mod** dak li nstab mill-ufficjali tal-Pulizija, kemm fil-vettura u kif ukoll fid-dar fejn jirrisjedi l-imputat, fost l-ohrajn, pero' mhux limitatament, l-mwiezen digitali (ghal wiehed, tnejn!), il-pakkett boroz tal-plastik trasparenti godda u l-boroz naqra mdaqqsin li go fihom kien hemm trab abjad. Minkejja li jirrizulta li fiz-zmien li tinkludi d-data li ssir riferenza ghaliha fl-imputazzjoni l-imputat kellu l-vizzju tad-droga kokajina, in segwitu ta' dak li nghad hawn fuq u mehud in konsiderazzjoni l-ammont ta' kokajina li nstab, minkejja li mhuwiex xi ammont ezagerat u minkejja l-problema ta' droga li kellu l-imputat, il-Qorti hija serena tikkonkludi li dak misjub fuq l-imputat ma kienx ghal uzu esklussiv tieghu. Ghal dawn il-motivi kollha, il-Qorti ma ghandu jkollha l-ebda dubju li l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

Illi, dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reat addebitat lilu, il-Qorti tinnota li fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Novembru 2006 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rene sive Nazzareno Micallef** inghad is-segwenti:

> "Il-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu

> importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta'. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta' dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena".

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabbilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu. Ghalhekk jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u *entro* dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' tittratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita' tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-sentenza moghtija fit-13 ta' Novembru 2009 fil-kawza Il-**Pulizija vs. Maurice Agius** dik il-Qorti qalet hekk:

> "Huwa car [....] li l-ewwel haga li Qorti trid tiddeciedi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mil-ligi stess) mizuri bhal ordnijiet maghmula taht l-Att dwar il-*Probation* jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-Gudikant irid jghaddi ghat-tieni

stadju, u cioé biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-Gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-Gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioé biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal perjodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni [...]; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, ikun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-perjodu operattiv taghha (cioé ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati)".

Illi, fis-sottomissjonijiet finali taghha, id-difiza ssostni li f'dan il-kaz ghandu jigi applikat Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti tinnota li filwaqt li huwa minnu li l-imputat kkoopera mal-Pulizija meta dawn bdew jaghmlu t-tfittxijiet taghhom, pero' fl-istess waqt jirrizulta mill-kontro-ezami tal-iSpettur Norbert Ciappara li minkejja li l-imputat kien indikalhom persuna, hadhom fuq il-post u wriehom bieb pero' jinghad ukoll li ma riedx jixhed. Jirrizulta wkoll mill-kontro-ezami msemmi li minn investigazzjonijiet ulterjuri li saru ma' rrizultawx rizultanzi li setghet tittiehed azzjoni vis-à-vis din il-persuna. Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Sandro Mifsud** moghtija fit-2 ta' Awwissu 1999, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

"Kif din il-Qorti diga` kellha l-opportunita` li tfisser f'sentenzi ohra, biex persuna tibbenefika mir-riduzzjoni ta' grad jew tnejn fil-piena ta' prigunerija (u riduzzjoni ta' terz jew nofs fil-piena pekunjarja) skond l-imsemmi Artikolu 29 mhux bizzejjed li dak li jkun <u>isemmi</u> l-persuna minghand

min ikun xtara d-droga; irid jirrizulta li b'dik l-informazzjoni l-akkuzat ikun effettivament **ghen lill-Pulizija sabiex taqbad lil dik il-persuna**. Jekk minkejja dik l-ghajnuna, il-Pulizija ma jkollhiex provi bizzejjed biex tressaq lill-persuna ndikata l-Qorti, jew jekk dik il-persuna indikata tkun diga` nqabdet mill-Pulizija qabel ma tissemma' mill-akkuzat, ma jkunx jista' jinghad li l-akkuzat ikun ghen lill-Pulizija sabiex taqbad lil dik il-persuna. Altrimenti facilment jigri li, biex persuna tnaqqas mill-piena taghha, tibda ssemmi ismijiet ta' nies li jistghu jkunu innocenti, jew l-ismijiet ta' nies li tkun taf li **diga` nqabdu in konnessjoni mal-bejgh ta' droga lilha**."[1] [sottolinear ta' dik il-Qorti]

Illi fis-sentenza ricenti moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Christopher Schembri** fit-12 ta' Diċembru 2018 inghad is-segwenti:

"Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti pero` li biex akkuzat jibbenifika minn tali riduzzjoni mhux bizzejjed li dak li jkun jkun semma l-persuna minghand min ikun xtara d-droga izda jrid jirrizulta li b'dik l-informazzjoni l-akkuzat ikun ghen lill-Pulizija sabiex taqbad lil dik il-persuna. Sabiex l-Artikolu 29 ikollu effett u jista' jigi applikat hemm bzonn li:

1. Li l-akkuzat jew indagat ikun semma min ghand min xtara d-droga u jaghti d-dettalji dwar il-provvista.

2. Li a bazi ta' din l-informazzjoni l-Pulizija tkun tista' tinvestiga l-persuna identifikata.

3. Li tali pesuna tkun giet imressqa l-Qorti u akkuzata bir-reat li gie skopert bl-ghajnuna tal-persuna li svelha.

Issa fil-kaz in desamina jirrizulta li, fl-istqarrijiet li rrilaxxja, vera l-appellant semma xi ismijiet pero' ma jirrizultax li sar

[1] Hawnhekk il-Qorti rreferiet ghal diversi sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali – **The Republic of Malta vs. Kamil Kurucu**, 14 ta' Gunju 2007; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Antoine Debattista**, 19 ta' Jannar 2006; **Il-Pulizija vs. Cuschieri**, 7 ta' Jannar 1999; **Il-Pulizija vs. Philippa sive Filippa Chircop**, 2 ta' Marzu 2007.

xejn aktar f'dan ir-rigward lanqas meta l-iSpettur Norbert Ciappara xehed ma kkonferma li bl-ghajnuna tal-appellant inqabad xi persuna ohra midhla fil-prokurar tad-drogi."

Applikati dawn il-principji t'hawn fuq ghall-kaz in ezami u mehud in konsiderazzjoni dak li jirrizulta mill-atti processwali, il-Qorti ma tqisx illi ghandu japplika dak li jiddisponi Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputat odjern. Naturalment, il-Qorti sejra madankollu tiehu in konsiderazzjoni l-ko-operazzjoni tal-imputat fil-piena nflitta.

Illi, wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni dak li nghad hawn fuq, il-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll is-segwenti:

- in-natura tar-reat addebitat fil-konfront tal-imputat li gie pruvat;

- il-fedina penali tal-imputat (Dok. "NC 1" – *a fol.* 10 *et seq.*);

- il-fatt li l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat tirrisali ghas-sena 2007 u ghat-trapass ta' zmien li hadet il-kawza odjerna biex tigi konkuza;

- dak li jirrizulta mid-depozizzjoni moghtija mill-Ufficjal tal-*Probation* Odelsie Bayliss (*a fol.* 223 *et seq.*) u mis-*Social Inquiry Report* redatt minnha (Dok. "OB" – *a fol.* 225 *et seq.*), dak li jirrizulta mid-depozizzjoni moghtija mill-Konsulent Psikjatra Dr. Joseph Spiteri (*a fol.* 274 *et seq.*) u mid-dokument ezebit minnu (Dok. "JS" – *a fol.* 282), u kif ukoll minn dak li jirrizulta mid-depozizzjoni moghtija minn Jeanne Calí (*a fol.* 306 *et seq.*);

- il-fatt illi jirrizulta li l-unika kawza li l-imputat ghandu pendenti hija dik odjerna (*a fol.* 363);

- il-fatt li jirrizulta li l-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lill-Qorti li l-imsemmi Bord kien sodisfatt bil-process ta' riabilitazzjoni tal-imputat li ntemm b'success (*a fol.* 353);

- fl-ahhar Nota mibghuta mill-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga **<u>qabel</u>** nghad li r-riabilitazzjoni ntemm b'success, jinghad: *"Mr. Dennis Borg (I.D. Number 0454078M) is consistently attending sessions on a weekly basis. He is collaborating and sticking to plans made in these said sessions. He is currently having supervised urine samples taken on a weekly basis. All the said urine samples to date resulted negative for any illicit substances he was tested for. Mr. Borg has completed and graduated from the Caritas New Hope programme and kept attending aftercare sessions afterwards. At this point it is suggested that Mr. Borg can be released from our services since he is fully rehabilitated within society and contributing wholly as a law abiding citizen"* (*a fol.* 349);

- meta nghad lill-Qorti li r-riabilitazzjoni tal-imputat intemm b'success, Joanne Buhagiar Fiott ezebiet dokument li gie mmarkat bhala Dok. "JBF 1" fejn inghad is-segwenti: *"Mr. Dennis Borg (I.D. Number 0454078M) is consistently attending sessions on a weekly basis. He is collabortaing and sticking to plans made in these said sessions. He is currently having supervised urine samples taken on a weekly basis. All the said urine samples to date resulted negative for any illicit substances he was tested for, Mr. Borg has completed and graduated from the Cariats New Hope programme and kept attending aftercare sessions afterwards.*

  *Mr. Borg is what we consider as a success story as he managed to achieve throughout all the issues we tried to address. As the model of our programme is aimed to work on aspects such as biological, physiological, social, as well as spiritual aspects of life, we have concluded that Dennis did in fact work on such issues through the assessment he has undergone when moving through the different phases within the programme.*

  *It is also worth noting that Dennis also has invested a lot in work and has numerous responsibilities which he is managing to fulfil. He also worked hard to be an integral part of the family and he holds a very close relationship with his daughters"* (*a fol.* 361).

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, inkluz ta' dak li nghad fid-Digriet moghti fil-25 ta' Ottubru 2016 (*a fol.* 314 *et seq.*) fejn il-Qorti laqghet it-talba tad-difiza sabiex din il-Qorti tigi konvertita

f'Qorti dwar id-Droga, u tenut kont tal-atti probatorji rizultanti f'dan il-kaz, il-Qorti hija tal-fehma illi ghandu jigi applikat l-proviso ta' l-Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta u cioé illi la darba l-Qorti hija sodisfatta fuq bilanc ta' probabbilitajiet illi r-reat li dwaru l-imputat qed jinstab hati kien principalment attribwibbli ghad-dipendenza tieghu fuq id-droga, il-Qorti ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' prigunerija jew l-eskluzjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' *probation* jew tas-sospensjoni tat-terminu ta' prigunerija.

Ghaldaqstant, il-Qorti ser tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' multa u ghall-piena ta' prigunerija t-terminu ta' liema ser ikun sospiz.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat

Taqsimiet IV u VI, Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta,

Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Ligijiet ta' Malta

u

Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta u b'mod partikolari l-proviso tas-sub-Artikolu (7) tal-istess Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta,

issib lill-imputat Denis Borg hati tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' elf Euro (€1000) u ghall-perijodu ta' sittax-il (16) xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' tliet (3) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tliet (3) snin.

*Ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati Borg sabiex fi zmien sena millum ihallas l-

ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri u cioé is-somma ta' seba' mija u hamsa u sebghin Euro u disgha u hamsin centezmu (€775.59).[2]

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita (u tal-affarijiet relatati maghha) hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi Process Verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Finalment, il-Qorti, filwaqt li taghmel riferenza ghat-talba kontenuta fic-*charge sheet* fir-rigward ta' frizar tal-assi tal-imputat, tinnota li tali talba, li giet milqugha minn din il-Qorti kif diversament preseduta fil-25 ta' Awwissu 2007 (*a fol.* 21), giet eventwalment revokata minn Qorti ohra kif diversament preseduta fis-7 ta' Novembru 2007 (*a fol.* 87 *et seq.*) u dana in segwitu ta' talba tad-difiza tal-31 ta' Awwissu 2007 (*a fol.* 26 *et seq.*).

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**

[2] Xjenzat Godwin Sammut (Dok. "GS" – *a fol.* 8 *tergo* tar-rapport li jinsab *a fol.* 71) (€327.78); PC 186 Kristian Mintoff (Dok. "CM" – *a fol.* 79) (Lm32 – €74.54 (spejjez ta' sitt ritratti bil-kulur inseriti bi zball mar-rapport gew mnaqqsa mil-lista tal-ispejjez ta' dan ir-rapport); Martin Bajada (Dok. "MB" – *a fol.* 154 *tergo*) (€373.27).